

32004R0769

L 123/1

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

27.4.2004

IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 769/2004**tal-21 ta' April 2004**

li jemenda r-Regolamenti (KEE) Nru 3906/89, (KE) Nru 555/2000, (KE) Nru 2500/2001, (KE) Nru 1268/1999 u (KE) Nru 1267/1999 biex iħalli l-pajjiżi tal-Proċess ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni jipparteċipaw f'offerta għal xogħol bl-appalt, organizzati taħt il-programmi ta' assistenza tal-Komunità, ta' qabel l-adeżjoni

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

strutturali għal qabel l-adeżjoni⁽⁶⁾ għandhom ikunu emendati skond l-aġenda.

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunitajiet Ewropej, u partikolarment l-ewwel sentenza ta' l-Artikolu 181a(2) tiegħu,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni,

Artikolu 1

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew⁽¹⁾,

Ir-Regolament (KEE) Nru 3906/89 huwa hawnhekk emendat kif ġej:

Billi:

L-Artikolu 7 hu mibdul b'li ġej:

- (1) Fl-20 ta' Ġunju 2003 il-Kunsill Ewropew iffirma fit-Thessaloniki "L-aġenda tat-Thessaloniki għall-Balkani tal-Punent: Nersqu lejn Integrazzjoni Ewropea", u stieden lill-Kummissjoni biex tikkonsidra li tieħu miżuri addattati sabiex tħalli l-pajjiżi tal-Proċess ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni jipparteċipaw f'offerta għal xogħol bl-appalt organizzati taħt il-programmi ta' assistenza tal-Komunità, ta' qabel l-adeżjoni (Phare, ISPA and Sapard).
- (2) Għalhekk, ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 3906/89 tat-18 ta' Diċembru 1989 dwar għajjnuna ekonomika lil ċerti pajjiżi ta' l-Ewropa ċentrali u tal-lvant⁽²⁾, (KE) Nru 555/2000 tat-13 ta' Marzu 2000 dwar l-implimentazzjoni ta' operazzjonijiet fil-qafas ta' l-istrateġija ta' qabel l-adeżjoni għar-Repubblika ta' Ċipru u r-Repubblika ta' Malta⁽³⁾, (KE) Nru 2500/2001 tas-17 ta' Diċembru 2001 li jikkonċerna assistenza finanzjarja ta' qabel l-adeżjoni għat-Turkija⁽⁴⁾, (KE) Nru 1268/1999 tal-21 ta' Ġunju 1999 dwar għajjnuna tal-Komunita' għal miżuri ta' qabel l-adeżjoni għall-agrikultura u żvilupp rurali fil-pajjiżi applikanti ta' l-Ewropa ċentrali u tal-lvant għall-perjodu ta' qabel l-adeżjoni⁽⁵⁾ u (KE) Nru 1267/1999 tal-21 ta' Ġunju 1999 li jistabbilixxi strument għal politika

"L-Artikolu 7

1. Parteċipazzjoni f'sejħiet għal offerta għal xogħol bl-appalt u kuntratti għandha tkun miftuħa b'kondizzjonijiet ugwali għall-persuni naturali u ġuridiċi kollha mill-Istati Membri li jaqgħu taħt l-intenzjoni tat-Trattati, minn pajjiżi kandidati għal adeżjoni ma' l-Unjoni Ewropea kif ukoll minn pajjiżi li jibbenefikaw minn assistenza skond ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2666/2000 tal-5 ta' Diċembru 2000 dwar assistenxa għall-Albanija, il-Bosnia-Herzegovina, il-Kroazja, ir-Repubblika Federali tal-Jugoslavja u l-Maċedonja^(*). L-awtorita' kontraenti tista' f'każijiet provati b'mod addattat u kkunsidrati b'mod individwali, tawtorizza l-parteċipazzjoni ta' persuni naturali u ġuridiċi minn pajjiżi terzi f'sejħiet għal offerta għal xogħol bl-appalt u kuntratti.

2. Il-provvisti għandhom, fl-intenzjoni tat-Trattati, joriġinaw fl-Istati Membri, fil-pajjiżi kandidati għal adeżjoni ma' l-Unjoni Ewropea jew f'pajjiżi li jibbenefikaw minn assistenza skond ir-Regolament (KE) Nru 2666/2000. F'każijiet provati b'mod addattat u kkunsidrati b'mod individwali, l-awtorita' kontraenti tista' tħassar dan l-obbligu.

(1) L-Opinjoni tad-9 ta' Marzu 2004 (għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

(2) ĠU L 375, 23.12.89, p. 11. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (EC) Nru 807/2003 (ĠU L 122, 16.05.03, p. 36).

(3) ĠU L 68, 16.03.00, p. 3. Ir-Regolament kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 2500/2001 (ĠU L 342, 27.12.01, p. 1).

(4) ĠU L 342, 27.12.01, p. 1.

(5) ĠU L 161, tas-26.6.1999, p. 87. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) 696/2003 (ĠU L 99, tas-17.4.2003, p. 24).

(*) ĠU L 306, 07.12.00, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 2415/2001 (ĠU L 327, 13.12.01, p. 3)."

(6) ĠU L 161, tas-26.6.1999, p. 73. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) 2500/2001 (ĠU L 342, tas-27.12.2001, p. 1).

Artikolu 2

Ir-Regolament (KE) Nru 555/2000 huwa hawnhekk emendat kif ġej:

Fl-Artikolu 7, paragrafi 9 u 10 huma mibdulin b'dan li ġej:

“9. Parteċipazzjoni f'sejħiet għal offerti għal xogħol bl-appalt u kuntratti għandha tkun miftuħa b'kondizzjonijiet ugwali għall-persuni naturali u ġuridiċi kollha mill-Istati Membri li jaqgħu taħt l-intenzjoni tat-Trattati, minn pajjiżi kandidati għal adeżjoni ma' l-Unjoni Ewropea kif ukoll minn pajjiżi li jibbenefikaw minn assistenza skond ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2666/2000 tal-5 ta' Diċembru 2000 dwar assistenza għall-Albanija, il-Bosnia-Herzegovina, il-Kroazja, ir-Repubblika Federali tal-Jugoslavja u l-Maċedonja (*). L-awtorita' kontraenti tista', f'każijiet provati b'mod addattat u kkunsidrati b'mod individwali, tawtorizza l-parteċipazzjoni ta' persuni naturali u ġuridiċi minn pajjiżi terzi f'sejħiet għal offerti għal xogħol bl-appalt u kuntratti.

10. Il-provvisti għandhom, fl-intenzjoni tat-Trattati, joriġinaw fl-Istati Membri, fil-pajjiżi kandidati għal adeżjoni ma' l-Unjoni Ewropea jew f'pajjiżi li jibbenefikaw minn assistenza skond ir-Regolament (KE) Nru 2666/2000. F'każijiet provati b'mod addattat u kkunsidrati b'mod individwali, l-awtorita' kontraenti tista' tħassar dan l-obbligu.

(*) ĠU L 306, 07.12.00, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 2415/2001 (ĠU L 327, 13.12.01, p. 3).”

Artikolu 3

Ir-Regolament (KE) Nru 2500/2001 huwa hawnhekk emendat kif ġej:

Fl-Artikolu 8:

(a) il-paragrafu 7 huwa mibdul b'dan li ġej:

“7. Parteċipazzjoni f'sejħiet għal offerti għal xogħol bl-appalt u kuntratti għandha tkun miftuħa fuq termini ugwali għall-persuni naturali u ġuridiċi kollha mill-Istati Membri li jaqgħu taħt l-intenzjoni tat-Trattati, minn pajjiżi kandidati għal adeżjoni ma' l-Unjoni Ewropea kif ukoll minn pajjiżi li jibbenefikaw minn assistenza skond ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1488/96 tat-23 ta' Lulju 1996 dwar miżuri finanzjarji u tekniċi li jakkumpanjaw (MEDA) ir-riforma ta' l-istrutturi ekonomiċi u soċjali fil-qafas tas-sħubija Ewro-Mediterranja (*) u skond ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2666/2000 tal-5 ta' Diċembru 2000 dwar assistenza għall-Albanija, il-Bosnia-Herzegovina, il-Kroazja, ir-Repubblika Federali tal-Jugoslavja u l-Maċedonja (**). L-awtorita' kontraenti tista', f'każijiet provati b'mod addattat u kkunsidrati b'mod individwali, tawtorizza l-parteċipazzjoni ta' persuni naturali u ġuridiċi minn pajjiżi terzi f'sejħiet għal offerti għal xogħol bl-appalt u kuntratti.

Il-provvisti għandhom, fl-intenzjoni tat-Trattati, joriġinaw fl-Istati Membri, fil-pajjiżi kandidati għal adeżjoni ma' l-Unjoni Ewropea jew f'pajjiżi li jibbenefikaw minn

assistenza skond ir-Regolament (KE) Nru 1488/96 u r-Regolament (EC) Nru 2666/2000. F'każijiet provati b'mod addattat u kkunsidrati b'mod individwali, l-awtorita' kontraenti tista' tħassar dan l-obbligu.

(*) ĠU L 189, 30.07.96, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 2698/2000 (ĠU L 311, 12.12.00, p. 1).

(**) ĠU L 306, 07.12.00, p. 1. Ir-Regolament kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 2415/2001 (ĠU L 327, 13.12.01, p. 3).”

(b) il-paragrafu 8 huwa mħassar.

Artikolu 4

Ir-Regolament (KE) Nru 1268/1999 huwa hawnhekk emendat kif ġej:

Fl-Artikolu 3, il-paragrafu 3 huwa mibdul b'dan li ġej:

“3. Persuni naturali u ġuridiċi minn Ċipru, Malta u t-Turkija kif ukoll mill-pajjiżi li jibbenefikaw minn assistenza skond ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2666/2000 tal-5 ta' Diċembru 2000 dwar assistenza għall-Albanija, il-Bosnia-Herzegovina, il-Kroazja, ir-Repubblika Federali tal-Jugoslavja u l-Maċedonja (*), jistgħu jipparteċipaw f'sejħiet għal offerti għal xogħol bl-appalt u kuntratti fuq l-istess termini li japplikaw għall-persuni naturali u ġuridiċi kollha mill-Istati Membri li jaqgħu taħt l-intenzjoni tat-Trattati, u l-pajjiżi li jibbenefikaw.

(*) ĠU L 306, 07.12.00, p. 1. Ir-Regolament kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 2415/2001 (ĠU L 327, 13.12.01, p. 3).”

Artikolu 5

Ir-Regolament (KE) Nru 1267/1999 huwa hawnhekk emendat kif ġej:

Fl-Artikolu 6a, paragrafu 1 huwa mibdul b'dan li ġej:

“1. Fil-każ ta' miżuri fejn il-Komunita' hija l-unika sors ta' għajjnuna esterna, parteċipazzjoni f'sejħiet għal offerti għal xogħol bl-appalt u kuntratti għandha tkun miftuħa bl-istess kondizzjonijiet għall-persuni naturali u ġuridiċi kollha ta' l-Istati Membri li jaqgħu taħt l-intenzjoni tat-Trattati u tal-pajjiżi msemmijin fit-tieni sottoparagrafu ta' l-Artikolu 1(1), kif ukoll ta' pajjiżi li jibbenefikaw minn assistenza skond ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2666/2000 tal-5 ta' Diċembru 2000 dwar assistenza għall-Albanija, il-Bosnia-Herzegovina, il-Kroazja, ir-Repubblika Federali tal-Jugoslavja u l-Maċedonja (*).”

(*) ĠU L 306, 07.12.00, p. 1. Ir-Regolament kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 2415/2001 (ĠU L 327, 13.12.01, p. 3).”

Artikolu 6

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jkun applikabbli direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fil-Lussemburgu, fil-21 ta' April 2004.

Għall-Kunsill

Il-President

J. WALSH
